# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**- ALLONTANAMENT MID-DAR MATRIMONJALI PENDENTE LITE -**

**- ARTIKOLU 46 TAL-KAP. 16 -**

## Illum 17 ta' Novembru 2015

Rikors Guramentat Nru. 222 / 11RGM

Kawza fil-lista: 10

**S A F**
**vs**
**V B F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-**attrici S A F** tat-28 ta' April 2014 li permezz tieghu talbet sabiex il-Qorti tordna li *pendente lite:*

1. Hi tghix fid-dar matrimonjali ghad eskluzzjoni ta' l-intimat u

2. L-intimat jigi allontanat mid-dar matrimonjali.

Fir-rikors taghha l-attrici ppremettiet illi:-

i) Id-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernali taghha;

ii) Il-konvenut ikkommetta agir aggressiv u vjolenza psikologika fuq l-attrici.

iii) Il-konvenut ikkapparra ghalih wahdu kamra mid-dar li fiha jorqod u jaqfel l-oggetti kollha li hu juza filwaqt li baqa' juza l-ambjenti l-ohra kollha tad-dar.

iv) Id-dar matrimonjali tinsab fi stat dilapidat u ma hiex f'kondizzjoni li fiha jghixu n-nies minhabba li matul is-snin kollha li ilhom jghixu fiha l-konjugi F qatt ma saret manutenzjoni.

v) Filwaqt li l-attrici tbati minn marda degenerativa, 'multiple sclerosis', id-dar hija nieqsa mill-htigijiet bazici fosthom li fil-kcina ma hemmx sink; il-platti u l-borom jinhasslu go mejjilla fil-bitha li jikkostringu lill-attrici fl-istat mediku prekarju taghha tohrog fil-bitha sajf u xitwa sabiex tahsel il-platti; il-washing machine ila zmien twil ma tahdimx u ghalhekk l-attrici hija kostretta li tahsel il-hwejjeg b'idejha; il-konvenut wara li juza l-kamra tal-banju jhalli hmieg kbir warajh inkluz 'toilet paper' li jkun uza jpoggih f'borza minflok jitfghu fit-toilet u jifflaxxja; episodji fejn l-intimat jidhol fuq il-konvenuta waqt li tkun qeghda fil-kamra tal-banju;

vi) Il-konvenut kien gie ordnat sabiex *pendente lite* jhallas nofs il-kontijiet tad-dawl u l-ilma izda qed jirrifjuta u minflok ihallas kwint (1/5) tal-kontijiet; salott ma jezistix fid-dar; televixin ilu snin ma jahdem;

vii) L-agir tal-konvenut fil-konfront tal-attrici tefaggha fi stat ta' ansjeta' tant li kellha tibda tiehu l-kalmanti;

Rat ir-risposta tal-**konvenut V B F** ipprezentata fil-21 ta' Mejju 2014 li permezz taghha qed jopponi ghat-talbiet u in sostenn jissottometti:-

i) Id-dar in kwistjoni kienet u ghadha 'd-dar matrimonjali' u ghalhekk l-intimat ghandu dritt jibqa' jghix fiha matul il-kawza;

ii) It-talba tar-rikorrenti hija parti minn pjan tal-attrici bil-komplicita' ta' l-ulied maggorenni tal-partijiet sabiex tkeccih mid-dar matrimonjali;

iii) Jichad li kien hemm xi incident ta' vjolenza da parti tieghu fuq l-attrici;

iv) Il-ligi ma tippermettiex li konjugi jinhareg 'il barra mid-dar matrimonjali waqt li tkun ghaddejja l-kawza hlief meta jirrizulta l-uzu ta' vjolenza minn min jigi mkecci, haga li skond l-intimat ma ssuccedietx; ghall-kuntrarju jsostni li kien hu vittma ta' vjolenza f'daru minn uliedu bil-komplicita' tar-rikorrenti;

v) It-talba tar-rikorrenti hija motivata mill-pjan tar-rikorrenti u t-tlett ulied maggorenni tal-partijiet sabiex wara li jigi mkecci mid-dar jaghmlu "complete makeover tad-dar, gjaladarba jkunu tefghuh 'il barra mid-dar matrimonjali".

vi) Jghid li hu vittma ta' vjolenza psikologia da parti tat-tlett uliedu maggorenni li "jinghaqdu flimikien biex jumiljawh, izebilhuh u jaggreduh".

vii) Fid-dar matrimonjali huwa ma jdejjaq lil hadd tant illi "jipprova jahrab lil kulhadd u ma jkellem lil hadd, u ghix gewwa kamra wahda 'l boghod kemm jista' jkun mill-ohrajn".

viii) Ir-rikorrenti ghamlet ir-rikors in dizamina ghaliex qed tibza' mill-provi tal-konvenut;

ix) Il-pilloli li r-rikorrenti semmiet li qed tiehu b'rizultat tal-allegat agir tal-konvenut ilha tohodhom hafna snin qabel l-allegati incidenti;

x) It-talba qed issir issa mir-rikorrenti peress li skond il-konvenut una volta jingiebu l-provi tieghu huwa ma jigiex allontanat mid-dar matrimojali;

xi) Il-Qorti ghandu jkollha l-provi taz-zewg partijiet qabel tiehu decizjoni fuq ir-rikors in dizamina;

Rat li dan ir-rikors kien gie appuntat ghas-smiegh quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat ix-xhieda ta' Marthese Mugliette[1], President tal-Malta Federation of Organistions Persons with Disability; Rose Grech[2], membru tal-assocjazzjoni imsemmija u Jeanette F[3] bint il-partijiet; moghtija fl-udjenza tal-25 ta' Gunju 2014.

Rat ix-xhieda ta' Christian F[4], iben il-partijiet, moghtija fl-udjenza tal-31 ta' Lulju 2014.

Rat ix-xhieda tal-intimat V B F u l-kontro ezami tal-attrici S A F moghtija fl-udjenza tal-20 ta' Awissu 2014.

Rat ix-xhieda ta' John Micallef[5], rapprezentant tad-Direttur Generali tat-Taxxi Nterni, moghtija waqt seduta quddiem l-Assistant Gudizzjarju fil-21 ta' Marzu 2014.

Rat ir-rapport mediku rilaxxjat mill-Ispecjalista Dr Anthony Galea-Debono datat 12 ta' April 2014[6] li permezz tieghu jiccertifika li r-rikorrenti kienet ilha taht il-

[1] Fol. 54
[2] Fol. 66
[3] Fol. 75
[4] Fol. 93
[5] Fol. 206

kura tieghu sa mis-sena 1986; li ghandha l-kondizzjoni imsejha 'multiple sclerosis'; li ma tistax timxi ghal distanzi twal u tghija malajr; li mhiex kapaci tahdem; li t-tensjoni mahluqa mill-problemi matrimonjali qed jaggravaw il-kondizzjoni medika taghha.

Rat il-kontro-ezami tax-xhud Jeanette F maghmul waqt l-udjenza tat-18 ta' Settembru 2014.

Rat il-kontro-ezami tal-konvenut maghmul fl-udjenza tat-8 ta' Jannar 2015.[7]

Rat it-dokumenti ezebiti mill-partijiet inkluz numru ta' ritratti dwar il-kondizzjoni li fiha tinstab id-dar matrimonjali.

Rat id-digriet moghti fl-20 ta' Jannar 2015 mill-Onor. Imhallef Abigail Lofaro li permezz tieghu astjeniet milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza ai termini tal-Artikolu 734 (1) (h) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-digriet tas-Sinjorija Tieghu l-Prim' Imhallef moghti fit-23 ta' Jannar 2015 li permezz tieghu assenja l-kawza sabiex tkompli tinstema minn din il-Qorti kif presjeduta.

Semghat il-kontro-ezami ta' Christian F u x-xhieda tal-konvenut V B F[8] waqt l-udjenza tal-21 ta' April 2015.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici.[9]

Semghat it-testimonjanza tal-konvenut fl-udjenza tat-18 ta' Gunju 2015 waqt liema ezebixxa CD b'kopja tar-ritratti li kien gia' ezebixxa.

Rat l-atti;

Rat li r-rikors thalla ghad-decizjoni.

Ikkonsidrat;

Permezz tar-rikors in dizamina l-attrici qed titlob illi ghalkemm il-kawza ghadha pendenti il-Qorti tordna lill-konvenut jallontana ruhu mid-dar matrimonjali ghar-ragunijiet fuq elenkati.

---

[6] Fol. 229
[7] Fol. 269
[8] Fol. 358
[9] Fol. 413 u Fol. 426

Il-konvenut mill-banda l-ohra jsostni illi una volta si tratta tad-dar matrimonjali u una volta ma hux hati ta' vjolenza, ma jezistux l-estremi sabiex jigi zgumbrat mid-dar matrimonjali *pendente lite.*

Ikkunsidrat;

**IL-LIGI APPLIKABBLI U GURISPRUDENZA.**

**Artikolu 46 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi li**:-**

***"Fiż-żmien li tkun miexja l-kawża tal-firda, kull waħda mill-partijiet, sew jekk attriċi jew konvenuta, tista' titlaq mid-dar taż-żwieġ u tista', sew jekk tkun telqet mid-dar taż-żwieġ u sew jekk le, titlob lill-qorti biex tiddeċiedi liema waħda mill-partijiet għandha toqgħod fid-dar taż-żwieġ sakemm tkun miexja dik il-kawża."***

F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Mejju, 2010 fl-ismijiet **Julia Coleiro v. Carmel sive Charles Coleiro**[10] gie trattat l-artikolu tal-ligi in dizamina. F'din is-sentenza l-Qorti tal-Appell issottolineat il-karattru provvizorju ta' ordni ta' allontanament *pendente lite* kif ukoll l-irrilevanza ghall-finijiet ta' tali ordni dwar min hu proprjetarju tad-dar matrimonjali:-

"L-ordni ta' allontanament mid-dar matrimonjali li tat l-ewwel Qorti, huwa ordni provizorju, li jkollu effett biss sakemm ma jigix revokat, anke mill-istess qorti li emanatu, u kwindi jista' jinghata *in camera*. L-Artikolu 46 tal-Kodici Civili jghid li, matul iz-zmien li tkun miexja kawza ta' firda, il-qorti kompetenti tista' taghti ordni dwar min mill-partijiet ghandha toqghod fid-dar taz-zwieg sakemm tkun miexja dik il-kawza. Din l-ordni mhux sentenza definittiva, izda mezz biex tigi protetta l-inkolumita` ta' xi parti pendenti l-kawza, jew biex jigu mharsa l-interessi ta' xi parti."

\- omissis -

"L-Artikolu 46 tal-Kodici Civili jaghti poter lill-Qorti tiddeciedi min mill-partijiet, fil-pendenza tal-kawza ta' separazzjoni, ghandu jibqa' joqghod fid-"dar taz-zwieg". Il-ligi ma tqisx bhala rilevanti jekk id-dar hijiex parafernali ta' xi hadd mill-partijiet jew tal-komunjoni tal-akkwisti, u taghti fakolta` lill-Qorti tordna l-hrug ta' xi parti mid-dar, hi ta min hi, basta li d-dar tkun r-residenza tal-koppja, jigifieri, tkun id-dar matrimonjali. Jekk id-dar tappartjeni lill-konvenut, din tibqa' tieghu, izda l-Qorti tista' tordna li din tibqa' a disposizzjoni ta' parti wahda, jekk hekk jidhrilha li jkun gustifikat. Kwindi, l-fatt li d-dar taz-zwieg hija parafernali ta' parti, ma jimmilitax kontra l-applikazzjoni tal-Artikolu 46 tal-Kodici Civili."

---

[10] Appell Civili Numru. 376/2009/1

- omissis -

"L-ilment tal-konvenut li, fil-meritu, ma kellux jigi zgumbrat, huwa wkoll bla bazi. Fil-process hemm kopji tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda li semghet l-ewwel Qorti qabel ma tat l-ordni impunjat, u din il-Qorti, wara li ezaminat l-istess provi, tifhem il-preokkupazzjoni tal-ewwel Qorti li ma thallix lill-konvenut fid-dar taz-zwieg. L-attrici jidher li kienet qed tkun vittma ta' vjolenza domestika, u l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' direttament zewg tobba li spjegaw is-sinjali ta' vjolenza li sabu fuq l-attrici. Apparti dan, jidher li l-konvenut kien qed jaghmel l-ghassa fuq l-attrici f'darha stess, jistahbilha u jissemma' x'kienet qed tghid fuq it-telephone. L-incidenti ta' vjolenza domestika li tirrakkonta l-attrici ma kienux incidenti izolati, u, fil-fehma ta' din il-Qorti, ghamlet sew l-ewwel Qorti li, almenu f'dan l-istadju u *pendente lite,* hasbet biex tissalvagwardja l-inkolumita` tal-istess attrici"

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**.

Kif rajna, l-Artikolu 46 tal-Kodici Civili jaghti lill-Qorti il-poter li filwaqt li tkun ghada miexja l-kawza, tohrog ordni ta' allontanament mid-dar matrimonjali kontra wiehed jew wahda mill-konjugi. Artikolu 46 ma jispecifika l-ebda cirkostanza meta l-Qorti tista' tordna l-allontanament ta' parti fiz-zwieg pendenti l-kawza. Dan naturalment m'ghandux ifisser illi l-Qorti ghandha tordna l-allontament meta ma hemmx raguni ghal dan. Huwa fatt illi f'diversi kawzi ta' separazzjoni personali koppja mizzewga jkunu kapaci jibqghu jghixu b'mod civili taht l-istess saqaf waqt li l-kawza ta' separazzjoni taghhom tkun pendenti; izda dan mhux dejjem huwa possibbli.

Il-fatt li l-ligi ma tispecifikax dawk ic-cirkostanzi li jiggustifikaw ordni ta' allontanament mid-dar matrimonjali *pendente lite*, jindika diskrezzjoni pjuttost wiesgha mogthija lill-Qorti fir-rigward.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-konvenut isostni illi l-ordni ta' allontanament *pendente lite* mitlub m'ghandux jinhareg ghaliex huwa qatt ma sawwat lill-attrici. La swat ma kienx hemm ("assenza totali ta' vjolenza" jghid il-konvenut) allura l-Artikolu 46 ma hux applikabbli skond il-konvenut. Mill-banda l-ohra l-attrici ticcita fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha **Artikolu 2 tal-Kap 481 (Att Dwar il-Vjolenza Domestika)** li jiddefinixxi vjolenza domestika bhala "…kull att ta' vjolenza, anki jekk verbali biss, li jsir minn membru domestiku wiehed fuq membru domestiku iehor u tinkludi kull ommissjoni li tikkaguna hsara fizika jew morali lil haddiehor".

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi sabiex tinhareg ordni ta' allontanament mid-dar matrimonjali bis-sahha tal-Artikolu 46 tal-Kap 16 ma hux mehtieg li jigi ppruvat l-uzu ta' vjolenza domestika. Kieku l-Legislatur ried li l-

Artikolu 46 citat jigi applikat biss meta tirrizulta vjolenza domestika wiehed kien jistenna li dan jigi specifikat fil-ligi b'applikazzjoni tal-principju ***ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit***. L-ebda cirkostanza li twassal ghall-izgumbrament mid-dar matrimonjali *pendente lite* ma hi kontemplata f'dan l-artikolu. Huwa evidenti pero' li l-applikazzjoni tal-Artikolu 46 m'ghandiex tkun minghajr l-ebda fundament. Id-diskrezzjoni pjuttost wiesgha moghtija lill-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi ghandha dejjem tigi applikata fid-dawl ta' cirkostanzi li jwasslu lill-Qorti tikkonkludi illi matul il-kawza il-partijiet m'ghandhomx jithallew jghixu taht l-istess saqaf, irrispettivament minn min hu proprjetarju tad-dar matrimonjali, u irrispettivament minn dak li finalment tiddeciedi l-Qorti fis-sentenza finali taghha.

Di fatti il-ligi taghti d-dritt lil parti f'kawza ta' separazzjoni personali li titlob li l-parti l-ohra tigi zgumbrata mid-dar matrimonjali qabel ma tigi deciza l-kawza anke jekk min ikun qed jitlob l-izgumbrament tal-parti l-ohra ikun gia hareg temporanjament mid-dar matrimonjali.

Il-Qorti ezaminat il-provi li resqu l-partijiet u setghat tikkonstata sew mit-testimonjanza orali sew mir-ritratti u dokumenti ohra, illi irrispettivament mit-tortijiet da parti ta' parti jew ohra jew tat-tnejn, id-dar matrimonjali tal-partijiet tinsab fi stat manifestament taht il-livell tal-htigijiet bazici tal-bniedem irrispettivament ukoll mill-kondizzjoni medika tal-attrici.

Il-Qorti tosserva illi filwaqt li l-konvenut jsostni li ghandu jibqa' jirrisjedi fid-dar matrimonjali matul il-kawza ma ta l-ebda raguni ghaliex id-dar tinsab fi stat daqstant nieqes mis-servizzi bazici li fis-sena 2015 wiehed jistenna li dar ghandu ikollha. Jemfasizza fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu il-konvenut illi t-talba sabiex jigi zgumbrat mid-dar matrimonjali hija intiza sabiex l-attrici tkun tista' taghmel 'make-over" tad-dar. Il-Qorti tosserva illi l-konvenut jidher li hu determinat li d-dar matrimonjali tibqa' fi stat dizastruz ghall-itwal zmien possibbli. X'inhu l-pregudizzju li donnu l-konvenut ihoss li jsofri jekk l-attrici taghmel dak li hu necessarju sabiex id-dar tigi resa decettement abitabbli ma jinghad qatt mill-konvenut. Huwa inspjegabbli ghal din il-Qorti kif il-konvenut bhal donnu jippretendi li ghandu xi dritt li jhalli d-dar matrimonjali fl-istat deplorevoli li tinsab fih. Hija prattikament ammissjoni da parti tal-konvenut illi l-presenza tieghu fid-dar matrimonjali qed timblokka l-possibilta' li d-dar tigi reza decentement abitabbli tant li jakkuza lill-attrici li qed tittenta li jigi mkecci mid-dar sabiex tkun tista' fi kliemu stesss taghmel "make-over" tad-dar. Anke hawn il-Qorti tara ammissjoni da parti tal-konvenut illi d-dar matrimonjali jehtigielha "make-over".

Fl-isfond ta' dan kollu l-konvenut jibqa' passiv ghall-ahhar. Filwaqt li jsostni li ghandu jithalla jabita fid-dar matrimonjali bi dritt ma jaghti l-ebda spjegazzjoni ghaliex ippermetta bhala l-"bread winner" fil-familja li d-dar tigi reza fi stat

deplorevoli u lanqas joffri xi soluzzjoni jew pass ‘il quddiem fir-rigward. Huwa evidenti illi sakemm il-konvenut ser jibqa’ fid-dar matrimonjali ma hux possibbli li d-dar matrimonjali isirulha x-xogholijiet necessarji sabiex isir dak li hemm bzonn tenut kont ukoll il-kundizzjoni medika gravi li minnha tbati l-attrici.

Irrizulta wkoll insistenza da parti tal-konvenut sabiex l-attrici ma tuzax il-kamra tal-banju li hemm fuq ghaliex jidhirlu li l-uzu taghha ghandu jkun esklussivament tieghu.

Jirrizulta wkoll illi hemm disgwid kontinwu bejn il-partijiet dwar il-hlasijiet tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Il-konvenut isostni li hemm hela ta’ dawl u ilma u ghalhekk jinsisti illi m’ghandux ihallas nofs il-kontijiet tad-dawl u l-ilma izda anqas. Iddecieda wahdu illi fid-dar inehhi numru ta’ lampi tad-dawl.

Huwa car ghall-Qorti illi dan kollha hawn fuq konstatat jirrendi l-konvivenza tal-konjugi F taht l-istess saqaf bhala impossibbli..

F’dan l-istadju l-Qorti thoss li m’ghandiex tiddeciedi jekk il-konvenut ikkommettiex vjolenza domestika fil-konfront tal-attrici. Materja li ser tigi deciza fis-sentenza finali.

Li hu zgur pero’ ghal din il-Qorti hu illi m’ghandiex thalli lill-partijiet jghixu aktar taht l-istess saqaf ghaliex il-konvivenza bejniethom hija manifestament insopportabbli. Il-konvivenza *pendente lite* tal-partijiet f’din il-kawza qeghda biss tkun il-kagun ta’ aktar tbatija fizika u psikologika sew fuq l-attrici kif ukoll fuq il-konvenut. Ghalhekk m’ghandhomx jibqghu jghixu taht l-istess saqaf.

Jirrizulta illi l-konvenut jahdem, ghandu impieg stabbli u dhul decenti. L-attrici m’ghandha l-ebda mpieg u tbati minn kondizzjoni medika degenerativa.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi r-rikors tal-attrici tat-28 ta’ April 2014 billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa’ r-rikors billi :-

1. Tordna lill-konvenut V B F sabiex sa mhux aktar tard minn xahar millum jallontana ruhu mid-dar matrimonjali u jiehu mieghu biss l-effetti ghal uzu personali tieghu. F’dan il-perijodu ta’ xahar l-attrici S A F hija awtorizzata illi tirrisjedi band’ ohra minghajr pregudizzju ghall-effetti ta’ dan id-digriet. F’kaz li l-konvenut jonqos milli jottempera ruhu fit-terminu moghti, din l-ordni ghandha tigi ezegwita mill-Marixxalli tal-Qorti bl-assistenza tal-Pulizija.

2. Tawtorizza lil attrici sabiex b’effett minn xahar millum tirrisjedi fid-dar matrimonjali ad eskluzzjoni tal-konvenut.

3. Il-konvenuta hija projbita milli ddahhal jirrisjedu fid-dar matrimonjali terzi persuni li ma humiex membri tal-familja, filwaqt li qed tigi awtorizzata tbiddel is-serratura tal-bieb principali tad-dar matrimonjali kif ukoll tiftah il-bibien kollha interni tad-dar.

4. B'effett minn xahar millum l-ispejjez ghas-servizzi tad-dawl u l-ilma fid-dar matrimonjali huma a kariku esklussiv tal-attrici S A F li hi awtorizzata sabiex *pendente lite* u a spejjez taghha taghmel fid-dar matrimonjali xogholijiet ta' manutenzjoni.

**Imhallef**